**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Cassar)**

**vs**

**Bashir Abdulahi Ahmed**

**Kumpilazzjoni 558/2020**

**Illum, 04 ta' Frar 2021**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

**"Bashir Abdulahi Ahmed,** detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 111809A u numru tal-Pulizija 131-061 u permess tar-residenza Maltija MT9224211;

U nakkuzah talli nhar il-wiehed u ghoxrin (21) t'Ottubru 2020 ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta'

filghodu (02:30Hrs) u l-hinijiet ta' qabel gewwa 16, Flat 1, Triq Dobbie, San Giljan, Malta:-

1. Bil-hsieb li jikkometti serq aggravat bil-lok, bil-hin, u bil-mezz ghad-detriment ta' Wilfred Pace u Sylvana Pace u/jew persuni ohra, wera dan il-hsieb bl-atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u independenti mill-volonta' tieghu;
   *Art. 41 (1) (a), 261 (b) (e) (f), 263 (a), 264 (1), 269 (g), 270, 278 (1) (2) (3) u 281 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

2. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' PC 913 Neil Pace filwaqt li kien qed jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;
   *Art. 96 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

3. Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PC 913 Neil Pace, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaw jew li jinfluwixxi fuqu, kontra il-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;

*Art. 95 tal-Kapitlu 8 tal-Ligijiet ta' Malta*

4. Volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn mitejn u hamsin euro (€250) izda hija anqas minn elfejn u hames mitt euro (€2,500) ghad-dannu ta' Wilfred Pace u Sylvana Pace u/jew persuni ohra;

   *Art. 325 (1) (b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

5. Irrenda ruhu recediv b' diversi sentenzi tal-Qrati tal-Magistrati li issa saru definittivi u ma jistawx jinbidlu;

   *Art. 49, 50 u 289 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

6. Bi hsara tas-sid jew tad-detentur, ghamel vjolazzjoni ohra kontra l-proprjeta' ta' haddiehor u cioe' ta' Wilfred Pace u Sylvana Pace u/jew persuni ohra;

   *Art. 340 (d) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

7. Hebb kontra PC 913 Neil Pace sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu hsara;

   *Art. 339 (1) (d) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

Kif ukoll nakkuzah talli fl-istess cirkostanzi, data, hin, lok u nhawi ohra f'dawn il-gzejjer;

8. F'lok pubbliku jew f'post miftuh ghall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu innifsu;
   *Art. 338 (ff) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

Kif ukoll nakkuzah ukoll talli fl-istess data u l-gimghat ta' qabel f' dawn il-gzejjer:

9. Ghex hajja ta' ghazz u vagabondagg.
   *Art. 338 (w) tal-Lapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant filwaqt li qed nesebixxi l-kunsens tal-Avukat Generali, l-fedina penali u d-dettalji tal-imputat, nitlob li dan il-kaz jigi investigat skond il-ligi."

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-08 ta' Jannar, 2021 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat irrgistra l-ammissjoni ta’ htija, din il-Qorti wissietu b’ mod l-aktar solenni u fi kliem car fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk iridu jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiza jiddikjaraw li qed jirrimettu ruhhom ghall-atti.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta’ l-imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u kif minnu ammessi.

**Decide:**

Illi konsegwentement, il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u partikolarment l-artikoli 41 (1) (a), 49, 50, 95, 96, 261 (b) (e) (f), 263 (a), 264 (1), 269 (g), 270, 278 (1) (2) (3), 281 (b), 289, 325 (1) (b), 338 (ff), 338 (w), 339 (1) (d) u 340 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tikkundanna lill-imputat ghall-piena karcerarja komplessiva ta' tlett snin u nofs.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-import ta’ din is-sentenza.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur